**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 14 ta' Lulju 2022**

**Kaz Nru: 148/2016**

**IL-PULIZIJA**

**kontra**

**JASON CARUANA**

**(ID No. 43977(M))**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jason Caruana, ta' 39 sena, iben Francis u Mary Rose nee' Micallef, imwieled tal-Pieta', nhar it-8 ta' Ottubru, 1976, u residenti gewwa l-fond numru 2, Triq San Frangisk, il-Furjana, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 43977(M), senjatament akkuzat talli fit-22 ta' Mejju, 2016, u fil-jiem ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer;

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr

ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegh d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmndati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
4. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fit-22 ta' Mejju, 2016, ghall-habta tat-2:45hrs gewwa Triq San Kristofru u Xatt Lascaris, il-Belt Valletta:

5. Saq il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni BUD007 u ghadda kontra s-sinjal m'hemmx dhul (No Entry) bi ksur ta' Reg. 2, Taqsima 2, Artikolu. A (c), L.S. 65.05;
6. Kif ukoll garr fuqu arma pprojbita, u cioe', ponn tal-hadid bi ksur tal-Kap. 480;
7. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat id-dokument esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 23 ta' Mejju 2016, ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), li permezz tieghu ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ir-rapporti kollha pprezentati mill-Probation Officer li kienet qed isegwi lill-imputat fl-iter tal-proceduri odjerni;

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat it-28 ta' Lulju 2021 moghti mill-Prim'Imhallef Mark Chetcuti u rat ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni;

**Ikkunsidrat:**

<u>Fatti tal-Kaz</u>

Illi l-fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghat-22 ta' Mejju 2016 ghall-habta tat-tlieta nieqsin kwart ta' filghodu meta PC355 Charlot Chircop u PC626 Giancarlo Bennetti kienu qed jaghmlu ronda fit-toroq tal-Belt Valletta meta osservaw vettura tat-tip Toyota bin-numru ta' registrazzjoni AUD 007 fi triq San Duminku tghaddi 'wrong way'. Din il-vettura giet imwaqqfa hdejn ix-Xatt

ta' Lascaris. Waqt li kien qed jigi mitkellem ix-xufier ta' din il-vettura u cioe l-qua imputat – Jason Caruana, il-pulizija nnotaw bicca foil hdejn il-gear lever. Caruana gie mistoqsi ghandhux xi haga illegali fuqu u minn jeddu nforma lill-pulizija li ghandu ponn tal-hadid u ghaddieh lill-istess pulizija. Sussegwentament saret tfittxija kemm fuq il-persuna tieghu kif ukoll fil-vettura. Mit-tfittxija fuq il-persuna tieghu, gewwa l-but tal-lemin tal-qalziet, il-pulizija sabu blokka kannella u Eur. 177 fi flus kontanti. Mit-tfittxija fil-vettura, fil-bieba tax-xufier instabu zewg blokkok kannella. Fil-glove compartment kien hemm qisu opener u kien hemm foil b'xi tracci likwidi fiha. Huwa gie arrestat u mehud gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta fejn saritlu *strip search*. Minn din l-ahhar tfittxija rrizulta li l-imputat kellu mal-genitali tieghu sitt boroz zghar b'sustanza kannella fi trab. Sussegwentament saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat – No. 2, Triq San Frangisk, Floriana, fejn instabu erba' bicciet blokkok f'ornament fid-dar stess u xi joints. Wara regghet saret tifittxija fl-istess residenza permezz tal-membri tad-dog section fejn hdejn statwa ta' Bob Marley instabet borza b'sustanza kannella kif ukoll landa tal-plastic b'xi zerriegha ukoll.

Fil-mori tal-investigazzjonijiet tal-pulizija l-imputat irrillaxxa zewgt stqarrijiet wara li giet mghoti d-drittijiet legali tieghu.

Illi s-sustanza elevata gie esebita fl-atti processwali odjerni u ezaminata mill-espert mahtur minn dina l-Qorti ghal dan l-iskop - ix-xjenzat Godwin Sammut. Sammut ikkonkluda:

a) *"Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument immarkat Dok. GM instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 0.21 grammi u l-purita kienet ta' cirka 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
b) *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti immarkati Dok GM u GM1 instabet is-sustanza Eroina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 1.94 grammi u l-purita kienet ta' circa 21%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
c) *Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella u mill-joint li hemm fid-dokument immarkat Dok. GM instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz totali tas-sustanzi kien ta' 7.65 grammi u l-purita' kienet ta' circa 6.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata*

*bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d) *Illi fuq swabs mehuda minn fuq il-foils li hemm fid-dokumenti immarkati Dok. GM u GM1 instabet is-sustanza Eroina."*

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar htija</u>

Illi permezz tal-**ewwel imputazzjoni**, Caruana jinsab akkuzat bi traffikar tad-droga herojina. L-artikolu 22(IB) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni,f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni makenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni,id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista,li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksurta' din l-Ordinanza:*

Stabbilit dan, irid necessarjament jigi stabbilit mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni li l-qua imputat Jason Caruana ghamel wiehed mill-atti li msemmija fis-subartikolu 22(1B) li jikkostitwixxu r-reat ta' traffikar, fosthom *il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti*. Mill-provi mressqa, ma tirrizulta ebda prova li tindika li l-qua imputat setgha ghamel xi att li jaqgha fid-definizzjoni ta' traffikar. Konsegwentament dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lil Cassar minn din l-imputazzjoni.

Permezz **tat-tieni imputazzjoni** Cassar jinsab akkuzat bil-pussess xjenti tad-droga herojina f'cirkostanzi li juru li l-imsemmija droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-qua imputat instab fil-pussess tad-droga herojina. L-imsemmja droga instabet kemm fuq il-persuna tieghu, fil-vettura u anke fir-residenza tieghu, fil-fatt:

i. fil-vettura tieghu instabet bicca foil li mill-analizi maghmula mix-xjenzat Godwin Sammut fuq swabs mehuda minnha tat rizultat pozittiv ghas-sustanza eroina;

ii. Mit-tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, mohbija mal-genitali tal-imputat, il-pulizija sabu sitt boroz zghar li erbgha minnhom gie konkluz li kienu kontenenti s-sustanza heroina; u
iii. fl-ahhar net minn tfittxija fir-residenza tal-imputat instabet borza, ukoll bi trab kannella, li mill-analizi li saret gie konkluz li din kienet kontenenti is-sustanza heroina.

Fis-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Marius Magri**[1] nghad:

> *"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

L-istess Qorti fis-sentenza il-**Pulizija vs. Brian Caruana** mghotija fit-23 ta' Mejju 2002 iddikjarat:

> *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli"*

Fl-ewwel lok, dina il-Qorti ser taghmel referenza ghat-tracci ta' sustanza eroina li nstabu fuq il-bicca foil fil-vettura tal-imputat kif ukoll ghal borza bi trab kannella misjub fir-residenza tal-imputat.

Mill-provi mressqa miz-zewgt partijiet jirrizulta b'mod car li l-qua imputat kellu problema serja ta' droga fi zmien relevanti ghall-imputazzjonijiet odjerni u fost sustanzi ohra kien jabbuza ukoll mis-sustanza eroina. Tenut

[1] 12.05.2005

kont ta kif instabet il-foil fil-vettura misjuqa mill-imputat (fejn din ma kinitx mohbija) u galadarba fiha kien hemm biss tracci dina l-Qorti minn tal-inqas fuq grad ta' probabilita' jirrizultalha li dik is-sustanza intuzat mill-qua imputat personalment. L-istess jinghad ghas-sustanza misjuba fir-residenza tal-imputat. Il-fatt li din instabet fir-residenza tal-imputat kif ukoll ukoll tenut kont tal-fatt li l-istess sustanza fl-ammont ta' 1.26 grammi kienet kollha f'borza wahda, fil-fehma tal-Qorti, huwa indikattiv, minn tal-inqas fuq bazi ta' probabilita', li din kienet intiza ghall-uzu personali tal-imputat u dana dejjem fl-ambitu tal-abbuz minn din is-sustanza hekk kif pruvat fl-atti processwali odjerni.

Madanakollu mhux l-istess jistgha jinghad ghall-erbgha pakketti zghar misjuba fuq il-persuna tal-imputat waqt it-tfittxijiet li saru mill-pulizija. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tinnota li mir-relazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li l-herojina misjuba f'dawn il-pakketti ma kinitx f'ammont ferm sostanzjali madanakollu  kienet maqsuma f'erbgha pakketti f'pizijiet simili ferm: 0.21g; 0.23g; 0.11g u 0.13g. Dan b'kuntrast ma kif instabet is-sustanza herojina fir-residenza tal-imputat. Di piu' l-istess sustanza ma nstabitx flimkien mal-bicca foil li kien fiha tracci ta' sustanza herojina izda mohbija fuq il-persuna tal-imputat mal-parti genitali tieghu. Flimkien ma din is-sustanza instabet ukoll is-sustanza kokaina maqsuma f'zewgt pakketti ghal darb'ohra b'piz simili ferm u cioe' 0.12g u 0.09g.

Il-fatt li dina s-sustanza herojina instabet fuq il-persuna tal-imputat (mhux fir-residenza tieghu) maqsuma f'pizijiet simili flimkien ma sustanza perikoluza ohra (ukoll maqsuma f'pizijiet simili), huwa definittivament indikattiv li din is-sustanza ma kinitx intiza esklussivament ghall-uzu tieghu biss. Din il-Qorti tinnota ukoll li l-qua imputat, waqt it-tfittxijiet li saru mill-pulizija, instab fil-pussess ta' flus kontanti fl-ammont ta' Eur. 177 fuq il-persuna tieghu. L-ammont ta' flus ghalkemm ma huwiex wiehed fenominali xorta ma hux ammont li normalment persuna zzomm fuq il-persuna taghha fi flus kontanti.

L-imputat fl-istqarrijiet rrillaxxati minnu fi stadju ta' investigazzjonijiet jipprova jispjega c-cirkostanzi li fihom instabet l-istess sustanza. Dawn l-istqarrijiet ittiehdu nhar it-22 ta' Mejju 2016, wahda fil-11.35hrs (Dok. PCL1) filwaqt li l-ohra f'20.50hrs (Dok. PCL2). Illi dawn l-istqarrijiet gew irrillaxxati wara li l-qua imputat gie mghoti d-drittijiet tieghu fosthom id-dritt tas-silenzju kif ukoll id-dritt tal-assistenza legali li fi zmien li ttiehdu l-imsemmija stqarrijiet kien limitat ghal qabel l-interrogatorju. L-imputat irrifjuta li jikkonsulta ma avukat qabel ittehid tal-istqarrijiet u f'dan is-sens

iffirma dikjarazzjoni li giet esebita bhala Dok. PCL. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm xi ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputat ma giex mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija fil-fatt jidher li huwa gie offrut id-dritt tal-assistenza legali qabel l-istqarrija. Konsegwentament jirrizulta li l-unika raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju kienet dik li l-ligi ma kinitx tipprovdi ghal tali tip t'assistenza dak iz-zmien. Fil-fatt id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorju gie ntrodott fil-Kodici Kriminali permezz tal-Att LI fit-28 ta' Novembru 2016. Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li f'xi stadju l-imputat ilmenta mill-istqarrijiet irrilaxxati minnu minhabba l-mankanza tad-dritt li jkun legalment assistit waqt l-interrogatorju. Kuntrarjament fis-sena 2020, l-imputat, Jason Caruana, ghazel li b'mod volontarju waqt li kien debitament assistit minn avukat ta' fiducja tieghu, li jiehu l-pedana tax-xhieda u jikkonferma l-istqarrijiet irrillaxxati minnu u jaghti spjegazzjonijiet ulterjuri. Fis-sottomissjonijiet finali l-abbli avukat difensur iddikjarat li mhix qed issir talba ghall-isfilz tal-istqarrija galadarba huwa kkonferma l-istess bil-gurament u adirittura saret referenza ghal dak li l-imputat xehed fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti (diversament preseduta).

Stabbilit dan, dina l-Qorti ser taghmel biss referenza ghax-xhieda tal-imputat (mhux l-istqarrija) unikament sabiex tanalizza jekk l-ispjegazzjonijiet li ta l-imputat dwar l-ghaliex kien fil-pussess kemm tas-sustanza kokaina kif ukoll tal-herojina. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li xehed l-imputat f'dan ir-rigward ma ghandux mis-sewwa u mhuwiex vero simili. F'dan ir-rigward jinghad, fost affarijiet ohra, li dak inhar li waqfuh il-pulizija ma kinitx l-ewwel okkazzjoni li fiha l-imputat ikkonsma s-sustanza herojina. Konsegwentament huwa kien jaf ben tajjeb l-effetti taghha. Lanqas ma ghandha mis-sewwa d-dikjarazzjoni tieghu li huwa xtara l-kokaina mill-party li kien fih minhabba l-effetti tal-eroina. Lanqas ma huwa kredibbli l-imputat fl-ispjegazzjoni tieghu dwar il-flus kontanti fil-pussess tieghu dana ghaliex persuna b'income daqshekk baxx hekk kif spjegat mill-imputat ma jiehux daqs nofs l-income mensili tieghu f'serata wahda ta' divertament.

Konsegwentament f'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li s-sustanza eroina ma kinitx intiza unikament ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Fir-rigward tat-**tielet imputazzjoni** u cioe' dik rigwardanti l-pussess aggravat tal-kokaina, din il-Qorti tqis ukoll li din l-imputazzjoni gie

sodisfacentament pruvata ghall-istess ragunijiet u motivazzjonijiet mghotija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Fir-rigward tar-**raba' imputazzjoni** li tirrigwarda l-pussess semplici tal-pjanta tal-cannabis, jinghad li mill-provi mressqa jirrizulta car li l-qua imputat kien fil-pussess tal-pjanta cannabis fl-ammont totali ta' 7.65grammi kemm fuq il-persuna tieghu (fil-qalziet) u anke fil-vettura tieghu. Konsegwentament din il-Qorti hija tal-fehma li din l-imputazzjoni ukoll giet sodisfacentament ippruvata.

Ghal dak li jirrigwarda **l-hames u s-sitt imputazzjoni**, fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ukoll gew sodisfacentament ippruvati mix-xhieda tal-ufficjali li waqqfu lill-imputat. Fil-fatt l-istess ufficjali jispjegaw kif osservaw lill-qua imputat jghaddi minn triq 'wrong way' filwaqt li waqt it-tfittxija kien il-qua imputat stess li ghada l-ponn tal-hadid lill-pulizija wara li huwa gie mistoqsi jekk ghandux xi haga illegali fil-vettura.

Illi ghal dak li jirrigwarda s-**seba' imputazzjoni** koncernanti r-recidiva jinghad li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentament ippruvata galadarba ma tressqitx prova sodisfacenti li s-sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni huma res judicata u lanqas ma tressqet prova ta' meta giet skontata l-piena indikata fihom.

Illi fir-rigward tal-piena dina l-Qorti ser tikkunsidra l-fatt li mertu tal-proceduri odjerni jirrisalu lura ghas-sena 2016, ser tqis ukoll in-natura u l-fatti tal-imputazzjoni li taghhom ser jinsab hati, l-fedina penali tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija kif ukoll id-dittami tal-artikolu 4A(2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.

## Decide

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4, 6 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 kif ukoll l-artikolu 5 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 2, Taqsima II, subparagrafu A(c) tal-Ligi Sussidjarja 65.05, **din il-Qorti qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel u l-ahhar imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed issib lill-istess imputat, Jason Caruana hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' seba' xhur prigunerija effettiva flimkien ma multa ta' Eur. 500 li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Ewro**

**(Eur. 50) fix-xahar.** F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Jason Caruana sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 295.35 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien tmintax-il xahar millum.

Il-Qorti qeghda tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebieti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur